# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-10 ta' Ottubru 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Appell Nru: 501/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Joseph Camilleri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 741058M talli:

1. nhar l-24 ta' Marzu, 2014 ghall-habta ta' nofs siegha ta' wara nofsinhar (12:30pm,) gewwa l-Qajjenza fil-limiti ta' Brizebbugia ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta' pariri lil xi haddiehor sabiex ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Fras Servjent *Himantopus himantopus* (inkluz fi skeda I), mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond

il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahthom u bi ksur ta' regolament 4(1)(a) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

2. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor sabiex ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fi Skeda II, u cioe' Fras Servjent *Himantopus himantopus* (inkluz fi skeda I), bi ksur ta' regolament 5(1) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

3. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor sabiex ikkaccja minn fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe' Fras Servjent *Himantopus himantopus* (inkluz fi skeda I), bi ksur ta' regolament 5(3)(a) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

4. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta' pariri jew flus lil xi haddiehor sabiex igorr arma tan-nar li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment ta' l-iskratac tal-arma, jew barra l-ghata taghha, f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' regolament 17 u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

5. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor sabiex waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' regolament 18(1)9A) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

6. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor sabiex igorr arma tan-nar kemm jekk kienet ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienitx fl-ghata taghha, jew spara arma tan-nar, waqt li kien f'inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq principali jew arterjali u dan bi ksur ta' regolament 18(2)(a) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

7. Ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi dispozizzjonijiet, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' regolament 4(1)(e) u 4(1)(f) u dan bi ksur ta' Regolament 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

8. Akkuzat ukoll li rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra l-piena skond il-ligi tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat u tal-Kap 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghaz-zmien stabbilit taht regolament 27(2)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Novembru, 2014, fejn li biha wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a), 27(1)(d), 5(1), 5(3)(a), 17, 18(1)(a), 18(2)(a), 4(1)(e), 4(1)(f) tal-AL 79 tal-2006 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati, kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' tlett elef ewro (€3000) u ordnat ir-revoka permanenti tal-licenjza tal-kacca tieghu taht id-dispozizzjonijiet tal-AL 79.2006, SL 504.71.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Camilleri, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Dicembru, 2014, li bih talab lill-din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata.

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-provi mismugha minn din il-Qorti jemergi illi fl-24 ta' Marzu 2014 ghall-habta tan-12.30pm waqt li l-appellant kien qieghed fuq xoghol fl-inhawi tal-Qajjenza limiti ta' Birzebbugia ra erba tajriet bl-isem tal-ispeci Himantopus himantopus bl-isem komuni Black Winged Stilt mgharufa bl-ilsien Malti bhala Fras-servjent liema tajr huwa protett skond l-Iskeda I tal-Avviz Legali 79 2006 kif emendat. L-appellant li huwa kaccattur licenzjat cempel lill-tlett minn nies hbieb tieghu biex jghidilhom x'kien ra u wiehed minnhom, certu Lee Grima, ikkonferma mieghu li kien niezel hemm ukoll. Ftit wara ra l-vettura ta' Grima u sema xi tiri u ra lill-Grima jallontana minnufih. L-appellant li kien ghadu fuq xoghol bil-vann tal-kumpanija fejn jahdem, lemah persuna b'tajra ta' dik l-ispeci f'idu u talabhielu izda dik il-persuna rrifjutat u ddikjarat li kienet ser tghaddiha lill-awtoritajiet. L-appellant insista li jehodha hu sabiex b'hekk ma ssirx hsara lill-kaccaturi;

2. Dik il-persuna li sabet it-tajra cemplet lill-Pulizija u infurmathom li kien hemm ohra fil-bahar li izda ma setghax jilhaqha. Huwa ta deskrizzjoni tal-vann misjuq mill-persuna li talbitu t-tajra u appena waslu fuq il-post, il-Pulizija intercettat lill-appellant. Wara tfittxija fid-dar tieghu instabu armi tal-kacca u ghasafar ibbalzmati li kienu kollha skont il-ligi. Lee Grima, mressaq il-Qorti bl-imputazzjoni ta' kacca fuq tajr protett ammetta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu kif jirrizulta mill-atti processwali odjerni. Mistharreg mill-Pulizija, l-appellant rrilaxxja stqarrija u din ma kienitx kontestata minnu;

3. L-appellant jilmenta fl-ewwel lok illi ma jirrizultawx l-elementi tar-rejat tal-komplicita' kif ravvizati fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. L-appellant huwa zbaljat rigward din il-lanjanza ghaliex hu qatt ma kien imputat b'dan il-fatt izda b'fatti diversi li jemergu mill-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat. L-azzjoni tal-appellant facilment tinkwadra f'wahda mill-azzjonijiet pozittivi msemmija fl-

artikoli tal-ligi li bihom kien imputat. Ir-rejat ikun jirrizulta f'kull kaz fejn persuna tikkonfoffa jew tittanta, jew tghin, thajjar, taghti parir lil xi haddiehor sabiex jikkaccja jew jipprova jikkaccja. Fix-xhieda tieghu l-appellant jghid illi huwa cempel lil Lee Grima u lil-zewg persuni ohra li huma shabu, sabiex bhalma jaghmel ta' spiss, jitkellmu fuq il-kacca u f'dak il-hin kien cempel lil Grima sabiex jghidlu li kien hemm dak it-tajr partikolari. L-ewwel Qorti ma kienet xejn konvinta li l-appellant cempel lill-Grima sabiex jigi jammira lill-ghasafar tant illi ftit wara Grima intlemah mill-istess appellant u hemm sema' tir u Grima telaq 'l hinn bil-karozza tieghu. Il-komunikazzjoni bejniethom ma waqfitx hemm tant illi Grima stess ghamel kuntatt mal-appellant biex jinfurmah li aktarx laqat it-tajra u li kien sejjer ghall-kelb u jerga lura biex ifittixha. Dak il-hin stess l-appellant mar biex ifittex fejn waqghet din it-tajra fejn hemm sab lill-persuna msemmija *supra* li ried jehodha ghand l-awtoritajiet;

4. Din il-Qorti ma tara ebda difett fir-ragunament u l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti anke jekk l-appellant jilmenta illi l-provi in rigward kienu "circumstantial". Kontra dak li donnu qieghed jahseb l-appellant, mhux rikjest illi l-indoli jikkonsisti fl-azzjonijiet <u>kollha</u> msemmija fl-imputazzjonijiet. Igifieri mhux mehtieg li jirrizulta li hu kkonfoffa, ittanta, ghen, hajjar u ta parir jew flus lil xi hadd iehor sabiex jikkaccja *et seq* ghaliex hu bizzejjed li jkun pruvat wiehed biss minn dawn l-elementi la darba huma alternattivi. Certament fil-kaz odjern jirrizulta illi l-appellant ittanta, ghen u hajjar lil haddiehor sabiex jaghmel dak li finalment Grech kien imputat bih u misjub hati;

5. L-appellant jargumenta ukoll illi huwa qatt ma nstab fil-pussess tat-tajra u li din kienet fil-pussess tat-terz li ghaddiha lill-Pulizija u ghalhekk qatt ma seta' jkun misjub hati talli kien fil-pussess tat-tajra. L-appellant hawnhekk qieghed jirreferi ghall-imputazzjoni numru 7. Minn qari tar-regolament (4)(1)(e) tal-AL 79 tal-2006 kif emendat (li llum jinsab enumerat bhala LS 549.42) jista' *prima facie* jidher li l-appellant ghandu ragun ghaliex fit-termini ta' dan ir-regolament ebda

persuna ma ghandha tkun fil-pussess jew ikollha fil-kontroll taghha jew izzomm ghasafar li mhux inkluzi fl-Iskeda II u III sakemm ma tkunx hekk awtorizzata. Ir-regolament 27 tal-istess Avviz Legali izda jipprovdi, *inter alia*, li tkun hatja ta' reat kull persuna li "*tikkonfoffa jew tittanta, jew tghin, thajjar, taghti pariri jew flus lill xi haddiehor biex jikser xi disposizzjonijijet bhal dawn (inkluza ordni legittimament moghtija skond xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoalmenti), jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega impost minn jew taht dawn ir-regolamenti*" kompriz allura r-regolament 4(1)(e). L-azzjoni tal-appellant li jipprova jakkwista t-tajra minghand it-terz billi talabhielu wara li hu stess kien qed ifittixha minghajr ebda dubju tammonta ghall-attentat kif ravvizat fir-regolament 27 fil-kliem "tittanta" fit-test Ingliz "attempts". Dik l-azzjoni hija ukoll ravvizata fil-kelma "thajjar" fit-test Ingliz "abets" u ghalhekk l-appellant mghandux ragun in rigward;

6. Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur tal-appellant talab ir-revoka tal-piena u b'dan, il-Qorti tifhem illi kien mitlub varjazzjoni fil-piena. Madanakollu, fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant ma ghandu ebda aggravju u wisq anqas talba ghall-varjazzjoni dwar il-piena u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tinkludi dan fil-konsiderazzjonijiet taghha;

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.